KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħa u Għoxrin (24)***

***It-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

24.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

24.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 23 li nżammet nhar it-Tlieta , 15 ta' Settembru, 2020.

24.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 23 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

24.2.3 **Mozzjoni 24-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 23.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 23 ġew approvati unanimament.

**24.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 24 (08) – Ottubru 2020***

24.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 24(08) biċ-ċekkijiet numru 7149 sa 7150 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9700 sa 9744 li jammontaw €36,463.60

24.3.2 **Mozzjoni 24-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 24(08) bl-ammont ta' €36,463.60

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 24(08) ġiet approvata unanimament.

**24.4 Evalwazzjoni tat-tender: Restawr tal-Istatwa ta' Santu Rokku**

24.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-offerti li ġew mitfugħa fejn kien hemm żewġ offerti.

24.4.2 L-orħos offerta kienet dik ta' Stefano Sferazzo li tammonta ghall-€3,790. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-istima li kienet saret mill-perit kienet ammontat għall-€10,968.69

24.4.3 Wara diskussjoni qasira dwar l-evalwazzjoni tat-tender: Restawr tal-Istatwa Santu Rokku, tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni kif imniżżel f'materja numru 24.4.2
**Mozzjoni 24-03**: Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lis-Sur Stefano Sferazzo.

**24.5 Evalwazzjoni tat-tender: Ġbir ta' skart domestiku**

24.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-offerti li ġew mitfugħa fejn kien hemm erbgħa offerti.

24.5.2 L-orħos offerta kienet dik ta' Spiridione Zammit li tammonta ghall-€83116.80 .

24.5.3 Wara diskussjoni qasira dwar l-evalwazzjoni tat-tender: Ġbir ta' skart domestiku, tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni kif imniżżel f'materja numru 24.5.2
**Mozzjoni 24-04**: Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lis-Sur Spiridione Zammit.

**24.6 Korrispondenza**

24.6.1 Tressqu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapporti tal-ħaddiema tas-CWSEF sabiex jingħataw il-Performance Bonus ghas-sena 2020. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret li dan il-Performance Bonus jitħallas mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva r-Rapporti mressqa mis-Sindku Darren Abela.

24.6.2 Tressqet korrispondenza sabiex issir *un/loading bay* quddiem Garakol Ironmongery. Il-Kunsill approva.

24.6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Progett li kien se jsir tal-Christmas Tree ser jitkompla u ghladaqstant se jkun qed jinbeda x-xoghol fuq l-istruttura tal-hadid. Rigward it-tiżjin tal-Milied, il-Kunsill qabel li jerġa' jsir kollox bħas-sena l-oħra fejn jintramaw 10 disinji miż-żewġ għaqdiet lokali ghall-prezz ta' €600 filwaqt li tintrama ukoll is-siġra ta' maġenb il-Knisja mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp għall-prezz ta' €150 skond kif kien maqbul fis-snin preċedenti. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll illi r-Reġjun Nofsinhar, apparti l-€1000 skema għal tiżjin tal-Milied, introduċa skema ġdida ta' €250 bħala għajnuna għal kompetizzjoni ta' tiżjin fost ir-residenti. Il-Premjijiet jistgħu jingħataw għall-isbaħ presepju, l-isbaħ tieqa mżejna, eċċ. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

24.6.4 Tressqet korrispondenza sabiex jitwaħħal *pole* fi Triq il-Kunċizzjoni minħabba li r-residenta qed jolqtulha l-faċċata. Il-Kunsill ma qabilx li jsir pole minhabba li din it-triq mhix frekwentata minn ammont ta' residenti iżda għandhom jitwaħħlu tabelli li juri li t-triq hija dejqa u ma tippermettix li jgħaddu vetturi kbar.

24.6.5 Tressqet l-ittra tal-approvazzjoni dwar Miżura 4 tal-Proġett tal-campsite. L-ammont *co-financed* huwa ta' €57,870 (VAT inkluż) filwaqt li l-Kunsill ikun irid johroġ 20% oħra mal-proġett. Il-Kunsill qabel li jipproċedi. Darren biex jghaddi l-permess jitnehhew il-kenuri.

24.6.6 Hemm bżonn jinbidlu l-fanali li hemm fejn il-monument tal-annimali. L-ispiża hija ta' €38 u hemm bżonn ħamsa. Il-Kunsill approva.

24.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskema tal-għajnuna għall-CCTV cameras ġiet estiża. Tressqet kwotazzjoni sabiex issir camera Triq G. D'Arena. Il-Kunsill qabel li tingieb kwotazzjoni għall-cameras li jaħdmu bis-solar.

24.6.8 Tressqet korrispondenza dwar sewqan eċċessiv fi Triq Joseph Gravina. Il-Kunsill m'approvax li titwaħħal *road hump* fit-triq minħabba li din tista tkun ta' nkonvenjent għar-residenti iżda se jkun qed iwaħħal tabelli sabiex is-sewwieqa jsuqu bil-galbu.

24.6.9 Rigward l-iskema tat-toroq tar-Regjun, ġejna nfurmati li l-fondi jistgħu jingħataw fuq toroq oħra minflok fi Triq il-Gardell. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jagħmel *extensive patching* fejn hemm bżonn li jammonta għal €9000.

24.6.10 Rigward il-pagament tat-toqob tal-arbli li kienu saru fi Triq il-Belt Valletta, il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas l-kont li qed jibgħat il-kuntrattur minħabba li l-ftehim kien li dawn isiru minn Infrastructure Malta u l-Kunsill iħallas id-differenza minħabba li t-toqob kienu saru ikbar. Dwar dan il-Kuntrattur għandu jiġi infurmat.

24.6.11 Rigward l-*application* Myghaxaqcouncil, il-kuntrattur se jkun qed jagħti dan is-servizz b'xejn iżda l-Kunsill iħallas biss il-*maintenance agreement*. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-kuntrattur sabiex jiftiehem dwar is-servizz tal-app, fejn din għandha tinkludi is-sistema tal-ilmenti.

**24.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

24.7.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq pjanta dwar xi toroq li l-isem tagħhom ma jidhirx sewwa fil-Google Maps. Wara diskussjoni, l-Kunsill ikkonferma l-ismijiet u se jkun qed jordna tabelli b'dawn l-ismijiet fit-toroq.

24.7.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li quddiem l-iskola jsir speċi ta' bus shelter minħabba li dan kien jintuza' minn xi tfal u ġenituri waqt il-ħinijiet tal-dħul u ħruġ mill-iskola. Il-Kunsill qabel li titressaq proposta dwar x'jista' jsir kif ukoll stima. Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar il-*bus shelter* ta' Triq il-Bizzilla. Is-Sindku Darren Abela informa li għada se jkun qed jiltaqa' ma Transport Malta biex jitkellmu dwar dan il-*bus*

*shelter*. Is-Sindku Darren Abela informa ukoll li se jkun qed jitlob li jitneħħa il-*bus shelter* li hemm fejn Triq Manwel Dimech minħabba li hemm tnejn oħra fil-viċinanzi.

24.7.3 Tressqet talba sabiex isiru *Road Humps* fi Triq Giovanni Scicluna, Triq il-Hannieqa u Triq il-Fejgel. Il-Kunsill ma jaqbilx li jsiru dawn ir-*road humps* biex jitnaqqas is-sewqan imma għandhom jitwaħħlu tabelli sabiex is-sewwieqa jsuqu bil-galbu.

24.7.4 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li Vjal il-Labour se jkunu qed isiru l-*gutters* minn Infrastructure Malta biex isolvu l-problema tal-gharar.

24.7.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex il-Librerija ma tibqax tiftaħ għall-pubbliku waqt il-ħinijiet tal-iskola. Dwar dan il-Kunsill qabel.

24.7.6 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn jiżdiedu xi *floodlights* fi Triq id-Dejl. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

24.7.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-*invoice* tan-Nursery tal-*coaches* għas-*Summer School* bl-ispiża ta' €1100 . Il-Kunsill approva li jinħareġ il-pagament.

24.7.8 Is-Sindku Darren Abela nforma lill-Kunsill li l-permess ta' Santu Rokku ħareġ u għaldaqstant il-Kunsill jkun jista' jibda jahdem fuq il-proġett billi japplika ghall-fondi tal-UIF u jbiegħ il-garaxx eżistenti.

24.7.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona ukoll li l-fondi li l-Enemed kienu se jagħtu lill-Kunsill għall-konkos, issir talba sabiex jingħataw għall-proġett ta' Santu Rokku. Dwar dan il-Kunsill qabel.

24.7.10 Is-Sindku Darren Abela qal li r-rotta 324 tal-iskola mhix qed tkun tista tgħaddi minn Triq il-Fidloqqom u għaldaqstant talbu sabiex jitneħħa l-ewwel *parking*. Il-Kunsill ma qabilx li jitneħħa għax jista jkun li għax il-karozza kienet pparkjata ħażina. Għaldaqstant għandu jivverifika jekk kienx hemm parkeġġ illegali.

24.7.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titwaħħal road hump fis-service road qabel Triq il-Bizzilla. Dwar dan il-Kunsill qabel.

24.7.12 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jingħata rikonoxximent lill-Assistent Prinċipal tal-Kunsill Lokali tagħna minħabba li ilha tagħti servizz lill-Kunsill għal 20 sena. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

24.7.13 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsir *meeting* mal-Kappillan il-gdid. Il-Kunsill qabel.

24.7.14 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jinxtraw xi pjanti għall-bandli l-ġdid. Il-Kunsill qabel.

**24.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet tal-Kunsillieri**

24.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li fi Triq is-Settembrina jiżdiedu żewġ bozoz oħra minħabba li t-triq hija mudlama. Dwar dan il-Kunsill qabel.

24.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar skema sabiex r-residenti jħaddru d-djar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s'issa għad ma rċevejniex dettalji dwar din l-iskema.

24.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li meta jibda' t-tender il-ġdid tal-ġbir ta' skart, il-Kunsill għandu jwaħħal tabella fejn tinforma lil kulħadd li mhux permessibli li jibqgħu jitfgħu skart fil-Pjazza San Ġorġ u kull min se jinqabad jitfa' skart se jiġi mħarrek. Hija pproponiet ukoll li tintbagħat ittra lir-residenti. Dwar dan il-Kunsill qabel.

24.8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar vetturi kbar li qegħdin jipparkjaw fi Triq it-Tumbarellu fil-Bypass sabiex jinżlu jixtru xi ikel. Is-Sindku Darren Abela informa li kemm -il darba sar rapport lill-pulizija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tagħddi r-rapport lill-LESA sabiex jagħmlu sorveljanza.

24.8.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet ilment dwar nuqqas ta' dawl li hemm fiż-żona tas-*central strip* fil-Bypass. Il-Kunsill qabel li jkellem lill- Infrastructure Malta dwar dan.

**24.9 Mozzjonijiet**

23.9.1 Annessi mal-Minuti

**24.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

24.10.1 Il-Laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għall-Erbgħa 9 ta' Dicembru 2020 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref:** 24-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 23

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 9 ta' Novembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref: 24-02**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 24

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 9 ta' Novembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref: 24-03**

Biex jigi approvat l-Evalwazzjoni tat-Tender tar-Restawr tal-istatwa ta’ Santu Rokku

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 9 ta’ Novembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref: 24-04**

Biex jigi approvat l-Evalwazzjoni tat-Tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 9 ta' Novembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**